MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1265/2003

**Avviz Numru 1265/03 AJD**
**Esquire Limited**

**vs**

**Mario Mangion**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, tlett mija u disa' liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1,309.84) rappresentanti prezz ta' merci mibjugha bl-ingrossa lill-konvenut u imghax kummercjali kalkolat mill-4 ta' Marzu 1998 sal-25 ta' Gunju 2003.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Awissu 2002, tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru 2002 u bl-imghax kummercjali ulterjuri mis-26 ta' Gunju 2003 sad-

data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata mis-socjeta’ attrici fit-23 ta’ Settembru 2003 fejn l-ammont mitlub gie ridott ghall-elf, wiehed u tmenin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,081.83).

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Carlo Vigna in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, wiehed u tmenin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,081.83), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------